**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 19/13(24_06_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Ġunju 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
6. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
7. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
8. Programm ta' attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2013-14'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti tal-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħlas ta' Taxxa u tal-Bolla tas-Sigurta` Soċjali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Artikli li jidhru fuq il-Gazzetti Lokali’.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Projbizzjoni tat-Tipjip fi *Playgrounds* u Ġonna Pubbliċi – Tabelli li jwissu li ma jistax isir Tipjip fiż-Żoni fejn hemm xi Logħob għall-Użu ta’ Tfal’.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Ċirkolari DLG-PQ 01/2013 li hija Mistoqsija Parlamentari numru 580 rigward il-laqgħa tal-lokalita` għal din is-sena.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Ċirkolari DLG-PQ 02/2013 li hija Mistoqsija Parlamentari numru 1033 rigward il-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Ċirkolari DLG-PQ 03/2013 li hija Mistoqsija Parlamentari numru 1042 rigward toroq li saru mill-Kunsilli Lokali fis-snin 2010, 2011, 2012 u din is-sena sal-aħħar ta’ April 2013.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Office of the Hospital Planning Manager, St Vincent de Paul Residence rigward il-‘European Day for Solidarity between Generations’.

2.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 29/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward ‘Proġett Youth in Action’.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward ‘Rights 4U Courses’ – Kors dwar id-Drittijiet tat-Tfal u Żgħażagħ - li ser jorganizzaw għaż-żgħażagħ ta’ bejn it-13 u l-15-il sena.

2.12 Il-Kunsill irċieva invit mingħand The Malta Resources Authority għal-*Launch Seminar* – Education Campaign to Promote Energy Savings in the Domestic Sector, fis-27 ta’ Mejju 2013, fil-Victoria Hotel, Sliema.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) rigward ‘Laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji ġewwa kull Lokal’.

2.14 Il-Kunsill irċieva invit mingħand it-TCTC għal-*launch* tal-proġetti ġodda għall-2013-14 fil-25 ta’ Mejju 2013 f’ The Palace Hotel, Sliema u ngħatat aktar informazzjoni rigward il-ħidma tagħhom.

2.15 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Ministeru għal Għawdex għall-*Public Consultation Meeting*, fit-8 ta’ Mejju 2013 fejn ser jiġu diskussi l-possibbiltajiet u l-opportunitajiet għal proġetti proposti li jistgħu jkunu ffinanzjati bħala parti mill-European Social Fund Priority Axis 3.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport rigward ‘The Girls on The Move Programme’.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Eco-Gozo Regional Development Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-*half-day meeting* dwar ‘Water Use Efficiency in the Domestic Sector’, fl-14 ta’ Mejju 2013, fil-Grand Hotel, Imġarr.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward l-inizjattiva ‘Semma` Leħnek’.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kopja ta’ Stqarrija għall-Istampa mill-Onor. Jose` Herrera, Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali li ħarġet fit-8 ta’ Mejju 2013.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali rigward ‘Animal Show’ – Żjarat fl-irziezet u wirjiet ta’ annimali fl-irħula.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority rigward is-Seminar tal-5 t’ April 2013 bit-tema ‘Għal Aktar Protezzjoni tal-Konsumatur’ u s-Seminar tal-31 ta’ Mejju 2013 bit-tema ‘Tixtri b’Kunfidenza?’, fil-Mediterranean Conference Centre.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi ta’ Ħarsien Soċjali rigward il-Kampanja favur trobbija pożittiva.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Ċirkolari DLG-PQ 06/2013 li hija Mistoqsija Parlamentari numru 1842 rigward xogħlijiet li saru mill-Kunsilli Lokali tas-7, 9, 11 u 12-il distrett elettorali fil-lokalitajiet rispettivi individwali bejn Ġunju 2012 u Mejju 2013, fil-ġonna u spazji pubbliċi oħra li hemm f’kull waħda minn dawn il-lokalitajiet.

2.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 30/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward ‘Laqgħa għas-Sindki – 31 ta’ Mejju u 1 ta’ Ġunju 2013’ fil-Lukanda Calypso, Marsalforn. Mehmuż kien hemm ukoll il-Minuti tal-aħħar Laqgħa (25 u 26 ta’ Mejju 2012) u l-Programm tal-laqgħa tal-31 ta’ Mejju u 1 ta’ Ġunju 2013.

2.25 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 35/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward l-attivita` tal-EUSEW (European Union Sustainable Energy Week) fit-22 ta’ Ġunju 2013 f’ The Point Shopping Complex, Tas-Sliema.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand l-EU Project Coordinator, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ‘SMILEGOV project: opportunities for Local Councils’.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Ċerpersin, Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanita` Attiva rigward ‘Anzjanita` Attiva: Illum u Għada’ - Seminar Pubbliku ta’ Konsultazzjoni, fl-10 ta’ Ġunju 2013 f’ The Palace Hotel, Tas-Sliema.

2.28 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Faculty of Engineering fl-Universita` ta’ Malta rigward il-‘Final Year Engineering Projects Exhibition’, fit-28 u 29 ta’ Ġunju 2013.

2.29 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Aġenda u l-Minuti tat-30 laqgħa tad-9 ta’ Mejju 2013 u l-Aġenda tal-31 laqgħa ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.30 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Aġenda tat-32 laqgħa u l-Minuti tal-31 laqgħa tal-15 ta’ Mejju 2013 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kamra tal-Periti fi ħdan il-MEPA rigward ‘KTP Architecture Nights - 12 ta’ Ġunju 2013’ bit-tema ‘Creating: Public Realm for All Users’.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dogs Trust Malta rigward il-Kampanja ‘Dog Training Made Easy’.

2.33 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Circolo Gozitano rigward l-attivitajiet organizzati fl-okkażjoni tal-mitt sena anniversarju mit-twaqqif ta’ dan iċ-Circolo.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tissuġġerixxi li meta l-Kunsill jorganizza xi attivita` tal-massa għandha ssir bord li tindika li hemm il-*litterbins* għax qed jiġri li l-*litterbins* ma jkunux viżibbli bir-riżultat li n-nies jaħsbu li m’hemmx *litterbins*.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa li l-istess assoċjazzjoni kellha mal-Ministru Leo Brincat fejn ġie deċiż illi l-Kunsilli Lokali jiġu mitluba sabiex jipproponu żoni fejn jista’ jsir tħawwil ta’ siġar skont il-programm tal-Gvern biex jikber in-numru ta’ siġar fil-pajjiż. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-possibilta’ fil-lokalita`, iżda m’hawnx proprjeta` tal-Gvern fejn dawn jistgħu jsiru.

3.03 Il-Kunsill irċieva rikjesta mit-Trenching Section dwar proposta ta’ trinka li se ssir fi Triq Ras il-Bajjada għal Triq ix-Xatba. Il-Kunsill se jagħti l-approvazzjoni bil-kundizzjoni li x-xogħol isir wara Settembru 2013 u jsir wiċċ ġdid pied u nofs minn kull naħa tat-trinka.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Damian Bigeni f’ isem resident fi Triq il-Munxar fejn qed isir talba sabiex issir bankina quddiem il-proprjeta` tiegħu peress li meta talbet din il-bankina l-Kunsill kien irrifjuta peress li t-triq hija dejqa ħafna. Ġie deċiż li din it-talba tiġi rriferuta lil Transport Malta u lir-Roads Division.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward terminazzjoni ta’ Permess ta’ Imwejjed u Siġġijiet quddiem The Steering Wheel Restaurant fix-Xlendi.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward talba li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali irċieva dwar permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem The Boathouse Restaurant fix-Xlendi.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Taqsima tal-Kultura u Informazzjoni rigward il-ktejjeb għat-tfal bit-tema tas-“Sette Giugno”. Il-Kunsill ser iħallas proporzjon tal-istudenti mil-lokalita` li jattendu *Year* 4 u 5 fl-iskejjel Primarji Għawdxin. Dan il-ktejjeb ser jiġi jiswa €2.85ċ il-wieħed.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA fejn qed tinforma lill-Kunsill li l-Kunsill u l-Kumitat għandna €41,333.29 fil-fond tal-UIF. Dan l-ammont huwa mqassam Il-Munxar - €4,914.63 u Ix-Xlendi - €36,418.67.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Public Contracts Review Board dwar il-każ 556 – Objection MXR/005/2012 – Tender for the Supply and Fixing of Pedestrian Guardrails and Construction of Pavement at Triq il-Kantra, Ix-Xlendi and Supply and Fixing of Street Furniture for Ix-Xlendi Bay. Ma' din l-*e-mail*, il-Bord bagħat id-deċiżjoni tiegħu:
*Lot* 1 ġiet ikkonfermata u se tibqa' li tingħata lil Road Construction Co. Ltd.
*Lot* 2 li kienet ingħatat lil Peter Paul Said, issa l-Bord iddeċieda li tingħata lil min għamel din l-oġġezzjoni jiġifieri lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob direzzjoni mingħand l-Avukat dwar kif għandu jipproċedi.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Rettur tal-Knsija tax-Xlendi dwar proposta ta' rampa sabiex il-Knisja ssir aċċessibbli għall-anzjani u persuni b' diżabilita`. Huwa kien diġa` kellem lis-Sindku fejn kien miftiehem li jrid jiġi vverifikat is-Sid tal-art u nkellmu lill-Perit.

3.11 Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex issir tisqija tal-ġnien u *soft areas* fil-Munxar. It-tisqija ser issir darbtejn fil-ġimgħa (it-Tnejn u l-Ħamis) u l-ħlas ser ikun €30 VAT inkluża għal kull darba. Kien hemm qbil dwar dan.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Tourism Association fejn qed tinforma lill-Kunsill li għad fadal ammont limitat ta' kotba bit-Taljan dwar Għawdex, "Gozo – Isola di Miti e Miracoli". Dan il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz speċjali ta' €2.

3.13 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali it-tabella tal-Allokazzjoni Finanzjarja Jannar – Diċembru 2013 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. L-Allokazzjoni Finanzjarja lill-Kumitat Amministrattiv imqassma skont il-funzjonijiet:

| FUNZJONI | € |
|---|---|
| PARKI, ĠONNA U 'SOFT AREAS' | 913 |
| MANUTENZJONI TA' TOROQ | 19,590 |
| IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART | 18,015 |
| NEFQA GĦALL-AMMINISTRAZZJONI | 34,052 |
| FOND GĦALL-AĠĠUSTAMENT | 10,391 |
| * AMMONT ALLOKAT GĦAL 'TIPPING FEES' | 5,673 |
| ALLOKAZZJONI TOTALI € -> | 88,634 |

3.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* bħala *reminder* għat-talba li kienet saret sabiex fi Triq Ras il-Bajjada ssir *bus stop*. Din it-talba hija approvata u ser issir dalwaqt.

3.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier tal-Enemalta dwar il-proġett tal-Pjazza li ser jibda dalwaqt fejn qed tissuġġerixxi li fejn għaddej il-*cable* tal-*high tension* isiru *culverts* sabiex il-*cables* jgħaddu minnhom u jekk tinqala' xi ħsara fil-c*ables* ma jkunx hemm il-bżonn li jinqala' l-wiċċ tal-Pjazza. Il-Kunsill ser jitlob lill-Inġinier laqgħa fuq il-post fejn fil-preżenza tal-Kuntrattur, jiġi spjegat x'hemm bżonn li jsir.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 19/13(24_06_13).

**5.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

5.01 Ix-xogħlijiet kienu mqassma f' 4 *Lots*:
*Lot* 1 jikkonċerna r-restawr tal-makkinarju u tal-post. Dan ix-xogħol huwa lest.
*Lot* 2 jikkonsisti f' *Provision*, *Installation*, *Testing and Commissioning* ta' *Electrical*, *Ventilation*, *Fire Detection, Alarm, CCTV, Data Network* u *Intrusion Detection Systems*. Dan ix-xogħol huwa lest.
*Lot* 3 jikkonsisti f' *Supply, Installation, Commissioning* ta' *Interpretation System*, *Static, Audio* u *Video Content* u *Interactive System*. Bħalissa qed isiru l-filmati.
*Lot* 4 jikkonsisti f' *Design, Develop* u *Commission* ta' *Website*. Bħalissa l-Kuntrattur qed jaħdem fuqha.

Peress li kienu saru t-8.00 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013, fil-5.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***